

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Frar 2012 (Każ R 476/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nanu-Nana Joachim Hoepp GmbH & Co. KG u Nuna International BV.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-15 ta' Frar 2012 (Każ R 476/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nanu-Nana Joachim Hoepp GmbH & Co. KG u Nuna International BV, hija annullata fir-rigward tal-“prammijiet għat-trabi; prammijiet; sedili tas-sigurtà għat-tfal għall-karozzi”, li jaqgħu fil-klassi 12 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, kif ukoll tal-“walkers tat-trabi [tagħmir għat-tagħlim tal-mixi għat-trabi]” u “xkejjer tal-irqad għat-trabi u għat-tfal”, li jaqgħu fil-klassi 20.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 209, 14.07.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2014 – Central Bank of Iran vs Il-Kunsill

(Kawża T-262/12) ⁽¹⁾

(“Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Rikors għal annullament — Lis alibi pendens — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża”)

(2014/C 388/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Central Bank of Iran (Teheran, l-Iran) (rappreżentant: M. Lester, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u V. Piessevaux, aġenti)

Suġġett

Essenzjalment, talba għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 19, p. 22), u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 58), sa fejn dawn niżżlu jew żammew, wara eżami mill-ġdid, isem ir-rikorrent fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39), u, it-tieni nett, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 945/2012, tal-15 ta' Ottubru 2012, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU L 282, p. 16), sa fejn dawn niżżlu jew żammew, wara eżami mill-ġdid, isem ir-rikorrent fil-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012.

Dispożittiv

- 1) *Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1), sa fejn dan iniżżel isem is-Central Bank of Iran fil-lista li tinsab fl-Anness IX tiegħu, huwa annullat.*

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati nofs l-ispejjeż tiegħu u nofs l-ispejjeż tas-Central Bank of Iran.
- 4) Central Bank of Iran għandu jbati nofs l-ispejjeż tiegħu u nofs l-ispejjeż tal-Kunsill.

⁽¹⁾ ĠU C 243, 11.08.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2014 – Holcim (Romania) vs Il-Kummissjoni
(Kawża T-317/12) ⁽¹⁾

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra — Responsabbiltà minħabba nuqqas — Rifjut tal-Kummissjoni li tiżvela informazzjoni u li tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni relatata ma’ kwoti ta’ emissjoni allegatament misruqa — Ksur suffiċjentement serju ta’ dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Responsabbiltà mingħajr nuqqas”)

(2014/C 388/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Holcim (Romania) SA (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: L. Arnauts, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Mifsud-Bonnici u E. White, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba, imressqa abbażi tar-responsabbiltà minħabba nuqqas, intiża għall-kumpens tad-dannu allegatament sostnut mir-rikorrenti minħabba r-rifjut tal-Kummissjoni li tiżvelalha informazzjoni dwar kwoti ta’ emissjoni ta’ gass serra li allegatament insterqulha u li tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni relatata ma’ dawn il-kwoti u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni, imressqa abbażi tar-responsabbiltà mingħajr nuqqas.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Holcim (Romania) SA hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 287, 22.09.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2014 – Sanofi vs UASI – GP Pharm (GEPRAL)
(Kawża T-493/12) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Komunità Ewropea — Trade mark verbali GEPRAL — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti DELPRAL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2014/C 388/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Sanofi (Pariġi, Franza) (rappreżentant: C. Hertz-Eichenrode, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)